MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 102/2002

**Rikors Nru: 102/02**

**Helen, Carmel, Maryanne u Joseph ahwa Camilleri**

**versus**

**Peter Paul Grixti**

Il- Bord,

Ra <u>r- rikors</u>

Illi l- esponenti jikru l- fond Flat 1, Casa Roma, Triq Ganni Bencini, Sliema lill- intimat bil- kera ta' Lm 100 (mitt Lira Maltin) fis- sena pagabbli kull tliet xhur bil- quddiem, l-ewwel skadenza fl- 4 ta' Dicembru, 2002.

Illi l- intimat ilu zmien twil li abbanduna l- fond lokat oltre li naqas li jhallas l- imsemmija kera puntwalment tant li ilu

ma jhallas kera minn Dicembru tal- 1998 u dan nonostante li gie interpellat ufficjalment biex jghamelk dan mill- esponenti.

Ghaldaqstant l- espnenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghogobha tqwtorizzahom jirriprendu l-pusses tal- fond in kwistjoni.

Ra li l- intimat debitament notifikat la ressaq twegiba fir-Registru tal- Qrati u lanqas deher fis- seduta ta' llum.
Fra l- artikolu 30 tal- kap 69 tal- Ligijiet ta' Malta.

Jilqa t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzahom jerghu jiehdu f' idejhom il- fond Flat 1, Casa Roma, Triq Ganni Bencini, Tas- Sliema; ghall- ghan ta' tkeccija jaghti xahar zmien m' illum; l- ispejjez jithallsu mill- intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------